Public transport will be affected.

**Baħar iċ-Ċagħaq limits of Naxxar**

On Sunday, 26th May, 2024, from 7.30 a.m. till 10.00 a.m., through Triq Tul il-Kosta.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

14th May, 2024

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 41 of 2024**

*Fireworks Display (Chinese Cakes) from the foreshore off Grand Hotel Excelsior*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a Chinese Cakes fireworks display will be held from the foreshore of the Grand Hotel Excelsior on Saturday, 18th May, 2024, starting at 10.30 p.m. for not more than 10 minutes. The display will be centred at Point A (as shown on the attached chart) in the approximate following position:

| | *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|---|
| A | 35° 53'.903 | 014° 30'.278 |

In view of the above, mariners are advised to keep 10m away from point A, on the abovementioned date and time.

Any boats berthed within the area shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) are to be removed during the abovementioned date and time.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-logħob tan-nar lil xi bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu, kemm jekk tali bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 10m, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn se jsir il-logħob tan-nar.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

L-14 ta' Mejju, 2024

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 10m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 177

14th May, 2024

## AWTORITÀ DWAR IL-MEDIĊINI

### Opportunitajiet ta' Karriera

Il-Missjoni tal-Awtorità dwar il-Mediċini hi li tipproteġi s-saħħa pubblika permezz tar-regolazzjoni tal-prodotti mediċinali u l-attivitajiet farmaċewtiċi. L-Awtorità dwar il-Mediċini qed tfittex li timpjega:

Manager (Legal)
*(Permess tal-Jobsplus: 451/2024)*

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn (www.medicinesauthority.gov.mt/careers). L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa permezz ta' ittra elettronika lil (hr.medicinesauthority@gov.mt) sa nofsinhar tas-Sibt, 25 ta' Mejju, 2024.

L-14 ta' Mejju, 2024

## MALTA MEDICINES AUTHORITY

### Career Opportunities

The Mission of the Malta Medicines Authority is to safeguard public health through the regulation of medical products and pharmaceutical activities for human use. The Malta Medicines Authority is seeking to employ:

Manager (Legal)
*(Jobsplus Permit No: 451/2024)*

Further information may be obtained from (www.medicinesauthority.gov.mt/careers). Application documents are to be submitted by email to (hr.medicinesauthority@gov.mt) by noon of Saturday, 25th May, 2024.

14th May, 2024

## MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

### Assistenza *per capita* lill-Iskejjel Indipendenti fejn jidħlu Servizzi u Faċilitajiet neċessarji għall-Implimentazzjoni tar-Riformi Edukattivi Biex Uliedna Jirnexxu Lkoll

Wara proċess ta' konsultazzjoni mniedi mill-Gvern fuq l-implimentazzjoni tar-riformi edukattivi u bl-intenzjoni li l-Iskejjel Indipendenti jkunu megħjuna biex jibdew jintroduċu dawn ir-riformi, b'mod li jiġi assigurat li l-istudenti kollha jibbenefikaw mill-bidliet li qegħdin iseħħu, il-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed iġedded skema li għandha l-għan li tipprovdi assistenza per capita lill-Iskejjel Indipendenti f'dak li għandhom x'jaqsmu servizzi u faċilitajiet relatati ma' dawn ir-riformi u li huma fl-interess nazzjonali għall-iżvilupp edukattiv sabiex l-istudenti f'dawn l-iskejjel ikunu jistgħu jibbenefikaw minn ambjent edukattiv tal-aqwa kwalità.

## MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

### Per Capita Assistance to Independent Schools related to Services and Facilities required for the Implementation of Educational Reforms for All Children to Succeed

As a result of the consultation process undertaken by Government regarding the implementation of the education reforms and with a view to assist Independent Schools to introduce these reforms, thus ensuring that all students can benefit from the changes taking place, the Minister for Education, Sport, Youth, Research and Innovation is extending the scheme that aims to provide per capita assistance to Independent Schools with regards to identified categories of services and facilities related to such reforms in the interest of national educational development, so that learners in these schools may also benefit from the highest quality of educational environment.

L-ISKEMA

**1. Interpretazzjoni**

F'din l-iskema sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor: "applikant" tfisser persuna li fid-data tal-applikazzjoni hija rikonoxxuta bħala l-Kap tal-iskola Indipendenti, jew tkun temporanjament fl-istess pożizzjoni u li f'isem l-iskola qiegħda tapplika għall-assistenza biex tkun tista' tibbenefika taħt din l-iskema;

"data effettiva" tfisser mill-1 ta' Jannar, 2024 sal-31 ta' Diċembru, 2024.

"Malta" tfisser il-Gżejjer Maltin;

"irċevuta fiskali" tfisser irċevuta kif imfissra fit-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), kif sussegwentement emendat, u tinkludi kull regolament magħmul taħt l-istess Att:

"skola indipendenti" tfisser:

(i) istituzzjoni li r-riżorsi tagħha, kemm ta' persuni u kemm ta' oġġetti, huma ordinati sabiex jitmexxew 'il quddiem l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' persuni oħra permezz tat-tixrid tat-tagħrif u tkabbir tat-tagħlim skont l-artiklu 2 tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 605); u

(ii) istituzzjoni li tipprovdi edukazzjoni obbligatorja f'livell tal-kindergarten, primarju u/jew sekondarju; u

(iii) istituzzjoni li hi għal kollox konformi ma' dak stabbilit mill-Kurrikulu Minimu Nazzjonali u għaldaqstant mhux qed tapplika eżenzjonijiet minnu bi ftehim mad-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni, bħal fil-każ tal-Iskejjel Internazzjonali; u

(iv) istituzzjoni li diġà għandha liċenzja valida biex topera bħala skola skont kif inhu stabbilit fl-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 605) fid-data meta ssir l-applikazzjoni għall-Għotja;

"infiq eliġibbli" tfisser:

Servizzi relatati mal-bżonnijiet individwali tal-istudenti; investiment f'apparat tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni, software u liċenzji;

titjib fil-faċilitajiet tax-xjenza;

titjib fil-faċilitajiet sportivi;

titjib fl-iżvilupp professjonali tal-għalliema fl-iskejjel indipendenti;

SCHEME

**1. Interpretation**

In this scheme, unless the context otherwise requires: "applicant" means a person, who on the date of application is officially recognised as the Head of the Independent School, or temporarily acting that capacity, and on whose behalf such person is applying for the assistance which may be granted under this Scheme;

"effective date" means from 1st January, 2024 to 31st December, 2024.

"Malta" means the Maltese Islands;

"fiscal receipt" means a receipt as defined in the Thirteenth Schedule to the Value Added Tax Act (Cap. 406), as subsequently amended, and also includes any regulation made under the same Act;

"independent school" means:

(i) an institution the resources of which, both of persons and of things, are ordained towards the promotion of the education and training of other persons through the dissemination of knowledge in accordance with article 2 of the Education Act (Cap. 605); and

(ii) an institution providing compulsory education at kindergarten, primary and/or secondary 1eve1/s; and

(iii) an institution that is fully compliant with the National Minimum Curriculum and is thus not applying specific waivers therefrom in agreement with the Directorate for Quality and Standards in Education, as is the case with International Schools, and

(iv) an institution which already has a valid licence to operate as a school in full compliance of the Education Act (Cap. 605) as at the effective date of this Grant;

"eligible expenditure" means:

Services related to the individual needs of students; investment in ICT hardware, software and IT licences

improvement in science facilities;

improvement in sports facilities;

improvement in the professional development of teachers in independent schools;

servizzi relatati b'mod dirett u raġonevoli ma' dak li ssemma qabel, bħalma huma spejjeż tal-perit/inġinier/ espert;

opportunitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwu għal edukaturi/mexxejja edukattivi u appoġġ professjonali fir-rigward ta' titjib marbut mal-politiki nazzjonali u l-Istandards Nazzjonali ta' Kwalità;

spejjeż relatati ma' ċirkostanzi eċċezzjonali ta' natura nazzjonali.

Xogħlijiet ta' natura kapitali u servizzi direttament relatati mat-titjib tal-kwalità tat-tagħlim. Dawn jistgħu jinkludu l-ispejjeż tal-fażi ta' kostruzzjoni/titjib u/jew il-fażi kompleta sabiex skola testendi u/jew ittejjeb is-servizzi ta' tagħlim tagħha fil-livell primarju jew sekondarju, kif jista' jkun meħtieġ, u servizzi relatati direttament bħat-tariffi tal-ipproċessar tal-P.A. oriġinarjament previsti fl-istadji tal-ippjannar tax-xogħlijiet ta' natura kapitali.

Servizzi u xogħlijiet li saru sa mid-data effettiva tal-1 ta' Jannar, 2024. Infiq marbut ma' vvjaġġar u akkomodazzjoni ma jitqiesx bħala nfiq eleġibbli.

**2. Min jista' japplika għall-għajnuna taħt din l-iskema**

Din l-iskema għandha x'taqsam mal-infiq eliġibbli minn skola indipendenti fil-perjodu eliġibbli. Wieħed għandu jifhem li fil-każ ta' dawk l-iskejjel li japplikaw għall- assistenza taħt xi tip ta' skema oħra mnedija mill-Gvern ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn assistenza għall-istess infiq taħt din l-iskema.

**3. Kif wieħed japplika u dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:**

(i) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom isiru fuq il-formola indikata fl-iskeda li tinsab ma' din l-iskema u għandu jkun fihom dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġ fl-imsemmija formola u skont din l-iskema.

(ii) Applikazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti murija hawn taħt:

(iii) kopja tal-karta tal-identità tal-applikant jew fin-nuqqas tal-karta tal-identità xi tip ta' dokument uffiċjali ieħor li jidentifika lill-applikant;

(iv) l-irċevuta/i fiskali oriġinali u l-invoices kummerċjali awtentikati mill-Kap tal-Iskola u, fejn japplika, minn perit bil-warrant;

Fil-każ ta' għamara u tagħmir li saret referenza għalihom fi-interpretazzjoni ta' "xogħlijiet ta' natura kapitali", u li ma

services directly and reasonably related to the above, such as architect/engineer/ expert fees where applicable;

continuous professional development opportunities for educators/educational leaders and professional support in relation to improvement linked to national policies and the National Quality Standards;

costs related to exceptional circumstances of national nature.

Works of a Capital Nature and services directly related to the improvement of the quality of teaching and learning. These may include the expenses of the construction /upgrading and/or completion phase incurred in order for a school to extend and/ or enhance its teaching services in the primary or secondary level, as may be required, and directly related services, such as P.A. processing fees originally envisaged in the planning stages of the works of a capital nature.

Services and works carried out as from the effective date of 1st January, 2024. Expenses related to travel and accommodation shall not be considered eligible expenditure.

**2. Area of applicability**

This scheme relates to eligible expenditure by an independent school carried out during the eligible period. It should be noted that schools that apply for assistance under any other Government scheme shall not benefit from assistance for the same expenditure under this scheme.

**3.Manner of application and supporting documents required:**

(i) Applications under this scheme are to be made on the form referred to in the schedule to this scheme and to contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme.

(ii) Applications are to be accompanied by the documents shown hereunder:

(iii) a copy of the identity card of the applicant or, in the absence of an identity card, any other official document that identifies the applicant;

(iv) the original fiscal receipt/s as well as the commercial invoices authenticated by the Head of School and, where applicable, by a warranted architect;

In the case of school furniture, equipment and software that fall within eligible expenditure, and which items are not

jinxtrawx minn Malta, l-irċevuti oriġinali tax-xiri ta' dawn l-oġġetti maħruġin mill-fornitur flimkien ma' 'delivery note/s', prova dokumentata oriġinali li l-ħlas finali sar, u approvazzjoni minn Maltapost/id-Dipartiment tad-Dwana ta' Malta, skont il-bżonn. Dawn id-dokumenti jridu jikkonfermaw li dawn l-oġġetti fil-fatt inxtraw; li l-ispejjeż tax-xiri, inkluż fejn japplika l-ispejjeż tad-dazju u tal-VAT tassew tħallsu b'mod sħiħ; u li dan ix-xiri sar mill-iskola li qed tapplika għall-għotja ta' din l-iskema għall-istess skola. Dawn l-oġġetti mixtrija jridu jkunu konformi mar-regolamenti dwar l- istandards tas-sigurtà tal-UE.

Dawn id-dokumenti jridu jkunu ffirmati mill-Kap tal-Iskola.

(a) fejn japplika, ċertifikat uffiċjali maħruġ mill-perit bil-warrant biex jikkonferma li x-xogħlijiet eliġibbli ta' natura kapitali kif deskritti fl-applikazzjoni huma konformi mar-regoli u l-liġijiet kollha eżistenti, u skont il-permessi neċessarji maħruġa mill-P.A., kif ukoll il-kunsens ta' terzi persuni, jekk u kif hu mitlub biex isiru x-xogħlijiet,

(b) fejn japplika, kopja uffiċjali tal-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjannar (P.A.) fuq xogħlijiet ta' natura kapitali kif tniżżlu u fl-applikazzjoni ;

(c) fejn japplika, kopja uffiċjali tal-P.A. Compliance Certificate tax-xogħlijiet ta' natura kapitali kif imsemmija;

(d) kull tip ta' dokument ieħor li l-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jista' jitlob minn żmien għal żmien.

(i) Ikunu jikkwalifikaw għall-għajnuna msemmija fi Klawsola 5 ta' din l-iskema dawk l-applikazzjonijiet biss li jkunu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet kollha ta' din l-iskema.

(ii) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti sottomessi ma' din l-applikazzjoni għandhom jinġiebu fiżikament lid-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni, Triq Joseph Abela Scolaro, Il-Ħamrun, għal fini ta' eliġibbilta tal-irċevuti. Waqt il-perjodu ta' bejn il-bidu u t-tmiem ta' xogħlijiet, applikazzjoni għal għotjiet li għandha x'taqsam mat-tkomplija tad-diversi fażijiet tat-tali xogħlijiet tkun ikkunsidrata wkoll.

(iii) Għandha tinħareg ċirkulari mid-DQSE li tistabbilixxi dati u parametri skont il-ħtieġa.

**4. Ħlas għall-Assistenza Per Capita taħt din l- Iskema**

Il-fondi jiġu allokati bħala rifużjoni tal-irċevuti eliġibbli, u skont in-numru ta' studenti rreġistrati fil-bidu ta' kull sena

purchased from Malta, the original invoices of the purchase of such items issued by the supplier together with the delivery note/s, the original documentary proof that final payment has been effected, and clearance from Maltapost/Department of Customs Malta, as may be required. These documents must confirm that such items were really purchased; the expenditure costs, and which costs include duty and VAT as may be required, were really paid in full; and that such purchase was effected by the school applying for the grant under this scheme for the same school. Such purchased items must also conform to EU standard safety regulations, as may be required.

These documents are to be endorsed by the Head of School.

(a) where applicable, an official certificate issued by the warranted architect confirming that the eligible works of a capital nature as described in the application form are in conformity with all the existing regulations and laws, and in accordance with the necessary permits issued by P.A., as well as the consent of third parties, if and as may be required for the works to be carried out,

(b) where applicable, an officially endorsed copy of the Planning Authority (P.A.) approval of the works of a capital nature as described in the application form;

(c) where applicable, an officially endorsed copy of the P.A. Compliance Certificate of the said works of a capital nature;

d) any other document which the Minister for Education, Sport, Youth, Research and Innovation may, front time to time, require.

(i) Only those applications that are in conformity with all the provisions of this scheme shall be eligible for payment of the assistance referred to in Clause 5 of this scheme.

(ii) Applications under this scheme, including the documents that are to be submitted with the application shall be submitted by hand to the Directorate for Quality and Standards in Education, Joseph Abela Scolaro street Ħamrun, for receipt eligibility purposes. During the period between the commencement of such works and their termination, application for grants related to the termination of the various phases of such works shall also be considered.

(iii) An annual circular shall issued by DQSE delivering dates and parameters accordingly.

**4. Per Capita Assistance payable under this Scheme**

Funds shall be allocated in the form of reimbursement of receipts that are eligible as per sections 1, 2 and 3 above, and

skolastika kif sottomessi mill-iskola u approvati uffiċjalment mid-Direttorat tas-Servizzi Edukattivi.

L-allokazzjoni massima kull sena hija hekk:

€95 għal kull student fil-kindergarten;
€145 għal kull student fl-iskola primarja;
€170 għal kull student fl-iskola sekondarja (jiġifieri inkluża l-Form 5).

**5. Data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet**

L-applikazzjonijiet jibqgħu jintlaqgħu sal-1 ta'Novembru, 2024, jew skont iċ-ċirkulari annwali.

Applikazzjonijiet li jiġu sottomessi wara din id-data ma jkunux aċċettati. Fondi li ma jintużawx f'sena partikolari ma jingħemgħux mal-fondi tas-sena ta' wara.

**6. Ħlas ta' fondi**

I1-fondi jingħataw lill-applikant bħala tranżazzjoni bankarja.

**7. Validità tal-applikazzjoni**

Ma titqiesx li tkun saret applikazzjoni kemm-il darba din ma tkunx kompluta, sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha, ma jkunx fiha t-tagħrif kollu meħtieġ, u ma jkollhiex mehmuża magħha d-dokumentazzjoni kollha mitluba. Ma jkunux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu wara d-data tal-għeluq stipulata.

**8. Dritt ta' Appell**

Applikanti li l-applikazzjoni tagħhom jew parti minnha ma tkunx approvata mid-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni jkunu infurmati dwar dan fi żmien xahar mid-data li tiġi sottomessa l-applikazzjoni , u jkollhom id-dritt li jappellaw minn din id-deċiżjoni bil-kitba mas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Appelli bħal dawn iridu jsiru sa mhux iktar tard minn 15-il ġurnata kalendarja wara li tiġi komunikata n-nuqqas ta' approvazzjoni tad-Direttur, DQSE. Id-deċiżjoni tas-Segretarju Permanenti (MEYR) tkun finali.

**9. Tul tal-Iskema**

Din l-iskema tibqa' valida skont id-data effettiva u wara din id-data ma tibqax fis-seħħ. Din l-iskema tista' tiġi mwaqqfa qabel id-data msemmija permezz ta' Notifikazzjoni mill-Gvern, u terġa' tiġġedded għal perjodi oħra skont avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

**10. Emendi għal din l-Iskema**

Il-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jżomm id-dritt li

according to the number of registered students as officially submitted by the school at the beginning of each scholastic year and officially approved by the Directorate Educational Services.

The maximum yearly allocation of funds shall be as follows:

€95 for every child in kindergarten;
€145 for every pupil in primary school;
€170 for every pupil in secondary school (i.e. up to and including Form 5).

**5. Deadlines for submission of applications**

Applications are accepted until the 1st November, 2024, or as per annual circular.

Applications submitted after this date shall not be accepted. Funds not used in one year cannot be carried over in the following year.

**6. Payment of funds**

The funds shall be paid to the applicant through bank transactions.

**7. Validity of application**

An application shall not be deemed to have been submitted unless it is full and complete in all material respects and unless it contains all the information and is accompanied by all the documentation requested. Late applications will not be considered.

**8. Right of Appeal**

Applicants whose applications or part thereof are not approved by the Directorate for Quality' and Standards in Education shall be so informed within one month of date of submission of application, and shall have the right to appeal this decision in writing with the Permanent Secretary, Ministry of Education, Sport, Youth,Research and Innovation. Such appeals must be made not later than 15 calendar days after the communication of non-approval by the Director, DQSE. The decision of the Permanent Secretary (MEYR) shall be final.

**9. Duration of the Scheme**

This Scheme shall remain in force till the effective date and shall cease thereafter to be in force. This scheme may be terminated before that date by means of a Notice in the Government Gazette, and may be renewed for further periods through a similar Notice.

**10. Amendments to the Scheme**

The Minister responsible for Education, Sport, Youth,Research and Innovation shall have the right to make

jagħmel emendi għal din l-iskema billi jippubblika l-istess emendi fil-Gazzetta tal-Gvern

SKEDA

Formola tal-applikazzjoni kif mibgħuta mid-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni.

L-14 ta' Mejju 2024

any amendments to this scheme by the publication of the said amendments in the Government Gazette.

SCHEDULE

Application form as communicated by the Directorate for Quality and Standards in Education.

14th May, 2024

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

**Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018**

L-Awtorità tal-Ippjanar tgħarraf li qiegħda twettaq aġġornament tal-mappa bażi. Għaldaqstant sejrin isiru sondaġġi permezz ta' droni f'din il-lokalità kif indikat:

Il-Gudja – mis-16 sal-31 ta' Mejju, 2024

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

L-14 ta' Mejju, 2024

PLANNING AUTHORITY

**Update to the 2018 Basemap**

The Planning Authority notifies that it is undertaking an update to the 2018 Basemap. To this extent it will be carrying out surveys by means of drones in the following locality on the respective dates:

Gudja – from 16th till the 31st May, 2024

Any queries should be directed to (geomatics@pa.org.mt).

14th May, 2024

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI
(KAP. 354)

**Avviż**

Ngħarrfu illi skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 43 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), b'ordni tal-Uffiċjal Reviżur sar dan it-tnaqqis u korrezzjonijiet fir-Reġistru Elettorali ppubblikat fl-20 ta' April, 2024.

GENERAL ELECTIONS ACT
(CAP. 354)

**Notice**

In terms of article 43 of the General Elections Act (Cap. 354), it is notified that by order of the Revising Officer, the following deletion and corrections were made in the Electoral Register published on the 20th April, 2024.

TNAQQIS

Rondot Carole Aline Louise – 0050199A – 20, Aurora, Triq Ta' Marmora, San Ġwann

DELETION

CORRECTIONS

Cutajar Charlene – 0181495M – 7, Hibernians, Fl 1, Sqaq Madre Maria Teresa Spinelli, Il-Mosta
għandha tinqara – *should read*
Cutajar Charlene – 0181495M – Fl 3, Triq Azzopardi, Blk R, Il-Marsa

Grech Danny – 0602083M – Binja Silvio Parnis, Fl 341, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Is-Siġġiewi
għandu jinqara – *should read*
Grech Danny – 0602083M – 6, Fl l, Sqaq il-Vitorja Nru 5, Ħal Qormi

Cordina Stephen – 0239986M – God Bless, Triq San Pawl, Munxar
għandu jinqara – *should read*
Bonnici Cordina Stephen – 0239986M – 127, Casa Bonnici, Triq Ganu, Birkirkara

KORREZZJONIJIET

L-14 ta' Mejju, 2024

14th May 2024

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET
GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

**Avviż**

Ngħarrfu illi skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467) u skont l-artikolu 43 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), b'ordni tal-Uffiċjal Reviżur saret din iż-żieda fir-Reġistru Elettorali tal-Unjoni Ewropea ppubblikat fl-20 ta' April, 2024.

ŻIEDA

Pisciotta Vito – 0194066A – 89, Fl 2, Triq San Franġisk, Il-Ħamrun

L-14 ta' Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ jgħarraf illi dawn il-vetturi li kienu pparkjati għal diversi xhur bil-liċenzja skaduta, ġew rmunkati nhar il-Ħamis, 9 ta' Mejju, 2024, u meħuda għand ta' Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, wara tmint ijiem ta' avviż għall-finijiet ta' Artikolu 8A, tal-Avviż Legali 94 tal-1977 kif emendat bl-avviż legali ta' subsidiary legislation 65.13 (Regolament dwar l-ikkampjar u t-tneħħija ta' oġġetti ta' ingombru).

Jekk sid il-vettura ma jmurx għaliha fiż-żmien stipulat mil-liġi, din se tiġi skrappjata.

Fi: Triq in-Niżla ta' San Pawl
Vettura: Toyota Corsa
Pjanċa tal-vettura: X2 MSD 537

L-14 ta' Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ

**Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ jgħarraf li:

Nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju, 2024, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m., Triq il-Grazzja, parti minn Triq il-Kbira, parti minnn Triq Frans Sammut, Triq Milanesi u parti minn Triq Sciortino se jkunu magħluqa għat-traffiku. Vetturi li jibqgħu fuq il-post jistgħu jiġu żgumbrati;

Nhar l-Erbgħa, 22 ta' Mejju, 2024, mis-6.00 p.m. sad-9.00 p.m., Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira, Misraħ San Filippu u parti minn Triq Sciortino se jkunu magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja f'dawn it-toroq matul dawn il-ħinijiet. Vetturi li jibqgħu fuq il-post jistgħu jiġu żgumbrati;

EUROPEAN PARLIAMENT
ELECTIONS ACT (CAP. 467)

**Notice**

In terms of article 13 of the European Parliament Elections Act (Cap. 467) and in accordance with article 43 of the General Elections Act (Cap. 354), it is notified that by order of the Revising Officer, the following addition was made in the European Union Electoral Register published on the 20th April, 2024.

ADDITION

14th May 2024

ĦAŻ-ŻEBBUĠ LOCAL COUNCIL

The Ħaż-Żebbuġ Local Council notifies that these vehicles which where parked for a long period with an expired licence were towed on the 9th of May, 2024, and taken to Ta' Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, after being notified for 8 days as in virtue of Section 8A of Legal Notice 94 of 1977 and Legal Notice 123 of 2001 and subsidiary legislation 65.13 (Traffic Regulations and Removal of Encumbering Objects).

If the owner of the said vehicle does not show up within the stipulated time frame, this vehicle will be scrapped.

In: Triq in-Niżla ta' San Pawl
Vehicle: Toyota Corsa
Number plates on vehicle: X2 MSD 537

14th May, 2024

ĦAŻ-ŻEBBUĠ LOCAL COUNCIL

**Suspension of Traffic and Parking**

The Ħaż-Żebbuġ Local Council notifies that:

On Monday, 20th May, 2024, from 4.00 p.m. till 9.00 p.m., Triq il-Grazzja, part of Triq il-Kbira, part of Triq Frans Sammut, Triq Milanesi and part of Triq Sciortino will be closed for traffic. Parking is not allowed during these times. Parked vehicles may be towed;

On Wednesday, 22nd May, 2024, from 6.00 p.m. till 9.00 p.m., Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira, Misraħ San Filippu and part of Triq Sciortino will be closed for traffic. Parking is not allowed during these times. Parked vehicles may be towed;

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024, mis-1.00 p.m. sa nofsillejl, Triq Sciortino u Misrah San Filep se jkunu magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja f'dawn it-toroq matul dawn il-ħinijiet. Vetturi li jibqgħu fuq il-post jistgħu jiġu żgumbrati;

Nhar is-Sibt, 25 ta' Mejju, 2024, mill-11.00 a.m. sa nofsillejl, Misraħ San Filippu ma' Triq Sciortino se jkunu magħluqa. Ħadd ma jista' jipparkja f'dawn it-toroq matul dawn il-ħinijiet. Vetturi li jibqgħu fuq il-post jistgħu jiġu żgumbrati;

Nhar is-Sibt, l-1 ta' Ġunju, 2024, mit-3.00 p.m. sas-1.00 a.m., minn Triq Giovanni Pullicino u Triq il-Kurkanti se jkunu magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja f'dawn it-toroq matul dawn il-ħinijiet. Vetturi li jibqgħu fuq il-post jistgħu jiġu żgumbrati;

Nhar it-Tlieta, l-4 ta' Ġunju, 2024, mit-3.30 p.m. sa nofsillejl, Triq Sciortino se tkun magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja f'dawn it-toroq matul dawn il-ħinijiet. Vetturi li jibqgħu fuq il-post jistgħu jiġu żgumbrati.

L-14 ta' Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI L-MOSTA

**Sospensjoni tat-Traffiku**

Il-Kunsill Lokali tal-Mosta jgħarraf li nhar il-Ħadd, 14 ta' Lulju, 2024, mit-3.00 p.m. sal-11.59 p.m., parti mill-pjazza fi Triq il-Midbaħ (Triq id-Dura kantuniera ma' Triq l-Għadajjar) ħdejn il-kappella Santa Margherita se tkun magħluqa għat-traffiku.

Ħadd ma jista' jipparkja.

It-trasport pubbliku se jkun affetwat.

L-14 ta' Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI Ż-ŻURRIEQ

**Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ**

Il-Kunsill Lokali ż-Żurrieq jgħarraf li nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sad-9.00 p.m., se jkun hemm tellieqa li se tkun organizzata fir-rotta li ġejja: Triq Pietru Pawl Saydon, Misraħ Repubblika, Triq il-Kbira, Triq iċ-Ċombini, Triq l-Inġiniera, Triq il-Ħaddiema, Triq San Bartilmew ,Triq il-Karmnu, Triq San Mikiel, Triq Filippu Farrugia, Vjal Indipendenza, Triq Ġużeppi Mattew Callus, Triq it-Torri, Triq Bubaqra, Vjal Indipendenza, Triq Vince Dimech, Triq it-Taħħan, Triq Matteolo Saliba, Triq San Martin u Triq San Mikiel, Misraħ Repubblika, Triq Pietru Pawl Saydon.

On Friday, 24th May, 2024, from 1.00 p.m. till midnight, Triq Sciortino and Misraħ San Filippu will be closed for traffic. Parking is not allowed during these times. Parked vehicles may be towed;

On Saturday, 25th May, 2024, from 11.00 a.m. till midnight, Misraħ San Filippu and part of Triq Sciortino will be closed for traffic. Parking is not allowed during these times. Parked vehicles may be towed;

On Saturday, 1st June, 2024, from 3.00 p.m., till 1.00 a.m. of Sunday, 2nd June, 2024, Triq Giovanni Pullicino and Triq il-Kurkanta will be closed for traffic. Parking is not allowed during these times. Parked vehicles may be towed;

On Tuesday, 4th June, 2024, from 3.30 p.m. till midnight, Triq Sciortino will be closed for traffic. No parking is allowed during these times. Parked vehicles may be towed.

14th May, 2024

MOSTA LOCAL COUNCIL

**Suspension of Traffic**

The Mosta Local Council notifies that on Sunday, 14th July, 2024, from 3.00 p.m. till 11.59 p.m., part of the square in Triq il-Midbaħ (Triq id-Dura corner with Triq l-Għadajjar) near Santa Margerita chapel will be closed for traffic.

No parking is allowed.

Public transport will be affected.

14th May, 2024

ŻURRIEQ LOCAL COUNCIL

**Traffic and Parking Suspension**

The Żurrieq Local Council notifies that on Sunday, 2nd June, 2024, from 5.00 a.m. till 9.00 a.m., a road race will be organised with the route as follows: Triq Pietru Pawl Saydon, Misraħ Repubblika, Triq il-Kbira, Triq iċ-Ċombini, Triq l-Inġiniera, Triq il-Ħaddiema, Triq San Bartilmew, Triq il-Karmnu, Triq San Mikiel, Triq Filippu Farrugia, Vjal Indipendenza, Triq Ġużeppi Mattew Callus, Triq it-Torri, Triq Bubaqra, Vjal Indipendenza, Triq Vince Dimech, Triq it-Taħħan, Triq Matteolo Saliba, Triq San Martin and Triq San Mikiel, Misraħ Repubblika, Triq Pietru Pawl Saydon.

Ħadd ma jista' jipparkja fi Pjazza Mattia Preti, Triq Pietru Pawl Saydon u Misraħ ir-Repubblika li se jkunu magħluqa għat-traffiku.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mingħand is-Segretarju Eżekuttiv bin-numru tat-telefown 2164 2974/5.

L-14 ta' Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI L-MARSA

**Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ**

Il-Kunsill Lokali l-Marsa jgħarraf lill-pubbliku li din it-triq se tkun magħluqa għat-traffiku fid-dati msemmija: nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju, 2024, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl; nhar il-Ħadd, 19 ta' Mejju, 2024, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl; nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju, 2024, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl; u nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2024, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl.

Triq Balbi minn Triq Simpson 'l isfel (it-traffiku se jkun jista' jgħaddi minn Triq Simpson 'il fuq.)

Il-parkeġġ fl-akkwata se jkun ristrett.

L-14 ta' Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI L-MARSA

**Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ**

Il-Kunsill Lokali l-Marsa jgħarraf lill-pubbliku li dawn it-toroq se jkunu magħluqa għat-traffiku:

Triq Balbi: Minn nhar l-Erbgħa, 22 ta' Mejju, 2024, mid-9.00 a.m., sa nhar it-Tnejn, 27 ta' Mejju, 2024, sa nofsinhar. Aċċess se jingħata biss lit-trasport tal-iskola, lir-residenti u biex jingħataw servizzi. Residenti jistgħu jipparkjaw fi Triq Balbi bejn Triq il-Marsa u Triq Simpson.

Triq is-Salib tal-Marsa/Triq Patri Felician Bilocca mill-pompi tal-petrol sa Attard &Co.: Minn nhar il-Ħamis, 23 ta' Mejju, 2024, mis-6.00 a.m., sa nhar it-Tnejn, 27 ta' Mejju, 2024, sa nofsinhar. Il-parkeġġ fit-toroq imsemmijin se jkun ristrett.

L-14 ta' Mejju, 2024

Pjazza Mattia Preti, Triq Pietru Pawl Saydon and Misraħ Repubblika will be cleared from parking and closed for traffic.

Public transport will be affected.

Further details may be obtained from the Executive Secretary by telephone number 2164 2974/5.

14th May, 2024

MARSA LOCAL COUNCIL

**Suspension of Traffic and Parking**

The Marsa Local Council notifies the public that on the dates mentioned below this street will be closed for traffic: on Friday, 17th May, 2024, from 5.00 p.m. till midnight; on Sunday, 19th May, 2024, from 5.00 p.m. till midnight; on Monday, 20th May, 2024, from 5.00 p.m. till midnight; and on Tuesday, 21st May, 2024, from 3.00 p.m. till midnight.

Triq Balbi from Triq Simpson downword (traffic will turn to Triq Simpson where direction will be changed temporarily)

Parking in the mentioned area will be restricted.

14th May, 2024

MARSA LOCAL COUNCIL

**Suspension of Traffic and Parking**

The Marsa Local Council notifies the public that on the dates mentioned below these streets will be closed for traffic:

Triq Balbi: From Wednesday, 22nd May, 2024, at 9.00 a.m., till Monday, 27th May, 2024, till noon. Access will only be given to school transport, residents and to those rendering a service. Residents can only park in Triq Balbi between Triq il-Marsa and Triq Simpson.

Triq is-Salib tal-Marsa/Triq Patri Felician Bilocca (from petrol stations to Attard & Co.): From Thursday, 23rd May, 2024, at 6.00 a.m., till Monday, 27th May, 2024, till noon. Parking in the streets mentioned above will be restricted.

14th May, 2024

## AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

**Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 16 ta' Mejju, 2024, għal:**

Avviż Nru. 21. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta'sit tale quale biex jintuża bħala ġnien u għall-aċċess ta' garaxx, adjaċenti mal-Fond Nru. 110, 'Sunflower', Triq iċ-Ċikas, kantuniera ma' Triq l-Attakk tal-Franċiżi, Ħaż-Żabbar, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2017_0416_A. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €7,800 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elfejn u sitt mitt ewro (€2,600) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 22. Għotja b'ċens temporanju għal skopijiet kummerċjali għall-perjodu ta' ħamsin (50) sena, għal fond tale quale fl-istat li jinsab fih inkluż id-difetti kollha li hemm f'Nru. 194, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2019_0537. Din il-proprjetà ma tistax tintuża għal skopijiet residenzjali. Dan iċ-ċens ma jistax jiġi mifdi bl-ebda mod u dan lanqas jekk ikun permess skont xi liġi jew avviż legali. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u għoxrin elf u seba' mija u ħamsin ewro (€22,750) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 23 Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit fi Triq Ta' Loretu, Il-Gudja, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2023_0449. Dan is-sit jista' jkun suġġett għal servitujiet eżistenti favur proprjetà adjaċenti. Min jirbaħ din l-offerta għandu a spejjeż tiegħu jġib dan is-sit fi stat li jinħadem għal skopijiet agrikoli. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta'

## LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

**Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 16th May, 2024, for:**

Advt No. 21. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a site tale quale to be used as a side garden and access to garage, adjacent to premises at No. 110, 'Sunflower', Triq iċ-Ċikas cornering with Triq l-Attakk tal-Franċiżi, Ħaż-Żabbar, as shown edged in red on the plan P.D. 2017_0416_A. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €7,800 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two thousand and six hundred euro (€2,600) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 22. Grant on a temporary emphyteusis for commercial purposes for a period of fifty (50) years of the premises tale quale in its present state including all the defects therein, at No. 194, Triq ir-Repubblika, Valletta, shown edged in red on plan P.D.2019_0537. This property cannot be used for residential purposes. This emphyteusis cannot be redeemed in any way and this also applies if it can be permitted by any law or legal notice. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty-two thousand and seven hundred and fifty euro (€22,750) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 23. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site at Triq ta' Loretu, Gudja, shown edged in red on plan P.D.2023_0449. This site maybe subject to existing servitudes in favour of the adjacent properties. The winning bidder is to clear and re-instate the site for agricultural purposes at his own expense. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of

ħamsin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€50.89) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 24. Bejgħ tale quale ta' sit fuq in-naħa ta' wara tal-Fond f'Nru. 10, 'Sea Ridge', Daħlet il-Fawna, Is-Swieqi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 49_91_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,676 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sittax-il elf u seba' mija u tlieta u sittin ewro (€16,763) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 25. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' ħanut tale quale f'Nru. 33, (qabel Nru. 8), Triq is-Sliem, Il-Marsa, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 231_81_6_8. L-arja ta' fuq dan il-ħanut mhijiex inkluża fl-offerta. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €14,250 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u sebgħa mija u ħamsin ewro (€4,750) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 26. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit fi Triq Taż-Żellieqa lil hemm minn Triq Ħaġar Qim, Il-Qrendi, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2023_642_A. Dan is-sit huwa suġġett għal servitujiet eżistenti favur proprjetà adjaċenti. Min jirbaħ din l-offerta għandu a spejjeż tiegħu jirriħabilita dan is-sit fi stat li jinħadem għal skopijiet agrikoli. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,200 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erba' mitt ewro (€400) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 27 Bejgħ tale quale ta' fond f'Ħanut 'G', Blokk 2B, Gżira Complex, Il-Gżira, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 28_87_2. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €4,650 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitta u erbgħin elf u

fifty euro and eighty-nine cents (€50.89) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

